## 3 ta' Novembru, 1956

## Imħallef:— Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

John Xuereb *versus* James Edward Livick, U.S.N. et.

# Kolliżjoni — Danni — Assikurazzjoni

***F'materja ta' danni huwa importanti l-prinċipju illi min ibati l-ħsara għandu jagħmel dak kollu li jista' biex inaqqas il-ħsara; imma mhux tenut jippreġudika ruħu jew il-proprjetà tiegħu biex inaqqasha.***

***B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, f'materja ta' danni kaġunati b'kolliżjoni, sid il-karrozza li ġiet danneġġjata ma hux obligat isewwiha fejn id-danneġġjant, jew il-kumpannija tas-sikurtà li magħha dan ikun assikurat, jkunu iriduh isewwiha, u l-kumpannija tas-sikurtà ma tistgħux, in linea ta' massima, tinsisti li t-tiswija ssir f'post partikulari minnha indikat; imma, għalkemm id-danneġġjat jibqa' liberu li jsewwiha fejn irid hu, ir-responsabbiltà tal-kumpannija tibqa' limitata għal dak l-ammont li bih hija setgħet issewwi l-ħsara mingħajr ma tippreġudika lil sid il-karrozza.***

***Għaldaqstant, jekk id-danneġġjat jonfoq għat-tiswija aktar milli kienet tonfoq il-kumpannija tas-sikurtà kieku t-tiswija saret fil-post fejn riedet hi, l-eċċess bejn dak li nefaq id-danneġġjat u dak li kienet tonfoq il-kumpannija biex tagħmel l-istess tiswija għandu jbatieh l-istess danneġġjat, ġa ladarba ma jirriżultax illi, kieku t-tiswija saret fejn riedet il-kumpannija assikuratriċi, id-danneġġjat kien isofri xi preġudizzju.***

Il-Qorti; — Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jħallas £10, jew ammont ieħor fil-kompetenza tal-Qorti, għad-danni li huwa kkaġuna fil-karrozza tal-attur numru 997, meta ħabat magħha fil-5 ta' Diċembru 1955, skond id-dokument "A" anness mal-avviż; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra;

Rat il-verbal tas-17 ta' April 1956, fejn Albert Victor Bartoli nomine talab li jiġi ammess "in statu et terminis", u ġie msejjaħ fil-kawża, u assuma r-responsabbiltà; biss

eċċepixxa li d-danni kellhom jiġu likwidati għal £7 biss;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Awissu 1956, li biha qegħedet fwori kawża lill-konvenut, u kkundannat lill-kjamat in kawża iħallas lill-attur is-somma ta' £10, bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni timpernja ruħha fuq il-pont jekk l-attur kienx obligat li jsewwi l-karrozza għand min jgħidlu l-kjamat in kawża. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, meta karrozza tiġi danneġġjata, sidha għandu kull dritt isewwiha għand persuna li jkun jaf li jagħmillu xogħol tajjeb, purkè ma jakkollax lid-danneġġjant bi spejjeż mhux ġustifikati; u għalhekk tadotta l-konklużjonijiet tal-perit legali;

Illi l-perit legali rrelata illi l-ispiża ta' £10 għad-danni sofferti mill-attur mhux biss mhix eżaġerata, imma anzi moderata;

Il-kjamat fil-kawża assuma r-responsabbiltà kollha, u l-konvenut għalhekk għandu jiġi mqiegħed fwori kawża;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-kjamat fil-kawża Bartoli nomine appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

L-istruzzjoni difettuża ta' din il-kawża teħtieġ dawn il-kommenti:—

Il-"file" eżibit fol. 16, dwar il-polza tas-sikurtà bejn l-attur u l-"United British Insurance Co. Ltd.", ma tantċ kienet rilevanti għal din il-kawża; għax l-attur, li kien danneġġjat fil-proprjetà tiegħu, malli kellu, kif kellu, l-assunzjoni ta' responsabbiltà mill-parti tal-konvenut Livick, u mbagħad tal-Kumpannija tas-Sikurtà li magħha kien assikurat Livick, ċjoè tas-"Sun Insurance Company", ma kellux aktar x'jaqsam mal-Kumpannija tas-Sikurtà li magħha kien assikurat hu stess, almenu għall-finijiet ta' dan il-proċess;

(2) Ma kienx il-każ li l-perit jirrelata dwar l-aspett legali tal-kontroversja, imma biss, se maj, dwar il-pont materjali u tekniku jekk l-ispiża ta' £10 inkorsa mill-attur

ghat-tiswijiet in segwitu għall-kolliżjoni kienetx neċessarja u raġjonevoli;

(3) Kien ikun aħjar kieku, minflok li "specimen" tal-"policy" eżibit fol. 30, ġie eżibit, sija pure "animo ritirandi" l-oriġinal tal-"policy" bejn Livich u s-"Sun Insurance Office"; għaliex f'xi "policy" partikulari jista' jkun hemm aġġunti jew varjazzjonijiet. Il-perikolu tal-eżibizzjoni ta' sempliċi "formula-specimen" hu illustrat f'dan il-każ bl-aġġunti li hemm miktubin bil-pinna fol. 31, li l-Qorti ma tistgħax tgħid humiex jew le fl-oriġinal;

Premessi dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tirrileva, sabiex jiġi żgumbrat it-terren minn malintiżi, partikularment in vista ta' xi brani li hemm f'li "specimen" li jinsabu sottolineati, preżumibbilment għax il-parti li ssottolineathom dehrilha li huma rilevanti għall-kontroversja, illi:—

1. Il-klawsola (c) taħt is-Section I ma għandhiex x'taqsam; għaliex *dik tirrigwarda l-car jew cars tal-assikurat* stess, mentri hawn si tratta ta' car ta' "third party";

2. It-tieni klawsola tas-Section II qegħedha tirriferixxi għal "costs and expenses" legalment dovuti mill-assikurat lit-"third party", mentri fil-każ preżenti l-kontroversja ma tirrigwardax "costs and expenses" (bħal ma huma spejjeż *ta' assistenza legali, etċ.), imma tirrigwarda s-somma* stess dovuta bħala danni lit-"third party". Għall-ewwel, fl-ewwel klawsola tal-istess Section II, issir din id-distinzjoni bil-kliem "...... against all sums, including costs and expenses";

Żgumbrat it-terren minn dawn l-ekwivoċi, din il-Qorti *tirrileva illi, salvi d-dispożizzjonijiet tal-liġi lokali, ċjoè tal*-"Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks)", Kap. 165 Ediz. Riv., in kwantu d-dispożizzjonijiet jissurrogaw, f'ċerti każijiet hemm speċifikati, it-"third party" danneġġjat fid-drittijiet tal-assikurat danneġġjant taħt il-"policy" ta' dan ta' l-aħħar u kontra l-kumpannija tas-sikurtà ("authorised insurer") tiegħu, per tutt'altro ma hemmx "*privity*" *bejn* il-persuna danneġġjata u l-kumpannija tas-sikurtà tad-danneġġjant (ara Mac Gillivray, "On Insurance Law", 3rd edition p. 1172, fejn il-pożizzjoni hi ugwalment fis-sens li ma

hemmx "privity" bejn l-"injured party" u l-"insurer", salv dak li hu stabbilit bl-Att ingliż, ċjoè bit-Third Parties (Rights against Insurers) Act, 1930;

Minn dan jiġi li dak li jingħad fli "specimen policy" (fol. 30-31) dwar l-"option" tal-assikuratur li jagħmel hu r-"repair" jew ir-"reinstatement", u dak li jingħad dwar il-maximum tal-"authorised repairs", ma jaffettax dan il-każ; għaliex, kwantu għal-"option" fuq imsemmija, din tirrigwarda "expressis verbis" il-car jew cars ta' l-assikurat (mhux tat-"third party"), u kwantu għall-maximum fuq imsemmi, dan jirriferixxi għal Section I, li tittratta dwar ħasra fil-car jew cars ta' l-assikurat (mhux tat-"third party"), u fil-kaz li hi attendibbli l-aġġunta miktuba bil-pinna in riferenza għal Section II(2), din tirriferixxi għall-"costs and expenses", mentri hawn si tratta tas-somma ta' dannu. Dawk il-partijiet tal-"policy" jirrigwardaw ir-relazzjonijiet bejn Livick u s-"Sun Insurance Company", iżda għall-finijiet u fil-limiti ta' din il-kontroversja attwali, u salvi dejjem id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 165 fuq imsemmi, ma jirrigwardawx it-terżi;

Infatti, din il-kawża setgħet ġiet sempliċizzata u ridotta għall-veri termini tagħha. Infatti, skond il-verbal reġistrat fol. 9, il-kumpannija tas-sikurtà li magħha kien assikurat id-danneġġjant Livick, ċjoè is-"Sun Insurance Office", assumiet ir-responsabbiltà li tħallas id-dannu. Kwindi, l-uniku pont kien li wieħed jara — apparti li l-polza, bir-riżervi fuq imsemmija, ma tirrigwardax ir-relazzjonijiet bejn l-attur ("third party") u l-kjamat in kawża nomine, imma r-relazzjonijiet bejn dan ta' l-aħħar u l-konvenut — jekk għas-segwitu ta' l-assunzjoni ta' dik ir-responsabbiltà, il-kjamat in kawża nomine hux tenut, "skond il-prinċipji ġenerali", li jħallas is-somma inkorsa mill-attur għat-tiswijiet jew is-somma iżgħar ta' £7 li kien lest iħallas il-kjamat in kawża nomine;

Biex wieħed japprossima sewwa s-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni, hu xieraq li jiġi premess prinċipju importanti ferm in materja ta' riżarċiment ta' danni, liema prinċipju jinsab enunċjat, bil-kliem tal-Halsbury, Vol. X, para

143, ċitat fis-sentenza ta' dil-Qorti fil-Gurisdizzjoni Tagħha Superjuri, "Mallia vs. Moore", 26 ta' Novembru, 1954, Vol. XXXVIII-I-249, f'dan il-mod:— "It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure himself, his character, his business or his property, to reduce the damage payable by the wrong-doer. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant;

Skond dan il-prinċipju, għalhekk, jeħtieġ li l-ġudikant jara:—

1. Jekk id-danneġġjat setgħax jew le jnaqqas il-ħsara;
2. Jekk, kieku kellu jnaqqasha kif ried il-kjamat in kawża nomine, kienx jippreġudika l-proprjetà tiegħu; f'liema każ ma kienx tenut inaqqasha;

Issa, fil-każ preżenti, jidher mill-provi li l-kumpannija tas-sikurtà kienet lestà ssewwi l-ħsara fil-car ta' l-attur għand ċertu Galea, li soltu jaħdem mal-kumpannija tas-sikurtà rappreżentata mill-kjamat in kawża, u l-estimu ta' dan Galea kien ta' £7. L-attur ma setgħax, b'daqshekk, jippreġudika l-proprjetà tiegħu; tant għaliex xejn ma ġie pruvat li jista' jixħet xi dubju jekk dan Galea kienx kapaċi isewwi l-ħsara, kemm ukoll għaliex, fuq l-eżitazzjoni ta' l-attur, it-tifel tal-kjamat in kawża, Harold Bartoli, qal lill-attur li, jekk ma jkunx soddisfatt bix-xogħol, isir mill-ġdid għas-sodisfazzjon tiegħu;

Dan li qegħedha tirritjeni l-Qorti ma jfisserx neċessarjament li l-attur kien obligat jieħu l-car għand Galea, għaliex, kif jidher mill-insenjament tax-Shawcross, fil-ktieb "Motor Insurance", Ediz. ta' l-1949, b'argument ta' analoġija, il-kumpannija tas-sikurtà ma tistax, in linea ta' massima, tinsisti li min hu danneġġjat għandu bilfors jagħmel

it-tiswija f'post partikulari; imma dan kollu jfisser li l-attur kien liberu jeħodha għat-tiswija band'oħra, iżda r-responsabbiltà tal-kumpannija ma setgħetx allura teċċedi s-somma ta' £7, peress li, ladarba Galea kien lest biex isewwi l-ħsara b'dik is-somma, u ma kien hemm *xejn li b'hekk jista'* jirriżulta ta' preġudizzju lill-attur, din is-somma ta' £7 kienet dik "reasonably necessary";

Għalhekk din il-Qorti tilqa' l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-kundanna hi limitata għas-somma ta' £7;

Peress li ma rriżultax *li din is-somma* ġiet depożitata, għalhekk l-ispejjeż jitħallsu "pro rata" tar-rebħ u t-telf, tant dawk ta' l-ewwel kemm dawk tat-tieni istanza.